# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 666/2007

## ta' l-14 ta' Ġunju 2007

## li jemenda r-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għal ċerti prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala merkanzija mhux koperti minn Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2)(a) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-rati tar-rifużjonijiet applikabbli mill-25 ta' Mejju 2007 għall-prodotti li qegħdin imniżżla fl-Anness, esportati bħala merkanzija mhux koperti minn Anness I tat-Trattat, kienu stipulati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 571/2007 ([2]).

(2) Mill-applikazzjoni tar-regoli u l-kriterji li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 571/2007 għall-informazzjoni li hemm attwalment disponibbli għand il-Kummissjoni, isegwi li r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni attwalment applikabbli għandhom jiġu modifikati kif muri f'dan l-Anness,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonijiet stipulati mir-Regolament (KE) Nru 571/2007 huma għalhekk modifikati kif muri f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Heinz ZOUREK
*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).
([2]) ĠU L 133, 25.5.2007, p. 21.

*ANNESS*

**rati ta' rifużjonijiet applikabbli mill-15 ta' Ġunju 2007 għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat** ([1])

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' rifużjoni f'EUR/100 kg | |
|---|---|---|---|
| | | F'każ ta' stipular bil-quddiem ta' rifużjonijiet | Ohra |
| 1701 99 10 | Zokkor abjad: | 33,78 | 33,78 |

([1]) Ir-rati mniżżla fl-Anness m'humiex applikabbli għall-esportazzjonijiet lejn l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Montenegro, il-Kosovo, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Andorra, Ġibilterra, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, il-gvern lokali ta' Livigno u Campione d'Italia, il-Heligoland, il-Groelandja, il-Gżejjer Faeroe u għall-prodotti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Portokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lejn il-Konfederazzjoni Żvizzera.